**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LV**
**Appell Nru: 284/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**Vs**

**MARCO FARRUGIA**
**KEVIN GALEA**
**MARCEL MIZZI**
**----omissis----**

**Illum, 31 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Marco Farrugia, Kevin Galea w Marcel Mizzi talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Bi qliegh, jew bi skop ta'kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw, jew mod iehor ipproducew jew ikkoppjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex tqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra w protetti bil jew taht il-ligi ta'Malta, u cioe', programmi tal-computer, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 B tal-Kap. 9;
2. Bi qliegh jew bi skop ta'kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod iehor pproducew jew ikkuppjaw, jew bieghu jew qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex tqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, u cioe', mill-fond 'Digitone', Zabbar Road, Paola, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra w protetti bil jew taht il-ligi ta'Malta, u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali numru 120/92;
3. Bhala persuni fil-kummerc jew fin-negozju, applikaw deskrizzjoni kummercjali falza ghal xi oggetti, u cioe' programmi tal-computer propjeta' ta' Microsoft Corporation li ghalihom hija applikata deskrizzjoni kummercjali falza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 (1)(a)(b) ta' l-Att XXII tal-1986 Dwar Deskrizzjonijiet Kummercjali.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha, filwaqt li ma sabetx lill-fuq imsemmija persuni hatja tat-tielet akkuza w illiberathom minnha, sabithom hatja ta' l-ewwel u tat-tieni akkuzi, b'dan li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza, u

kkundannthom kull wiehed ghall-prigunerija ta'seba (7) xhur sospizi ghall-erba (4) snin, kif ukoll ghall-Multa ta'Lm5000.

Rat ir-rikorsi t'appell ta'Marco Farrugia, Kevin Galea w Marcel Mizzi datati 21 ta'Dicembru, 2000, li bihom talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, filwaqt li tirrevokaha fil-parti taghha fejn sabithom hatja ta' l-ewwel u tat-tieni akkuzi, bl-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza, dan billi tiddikjarahom mhux hatja w tilliberahom minn kull akkuza, htija w piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravji sollevati mit-tlett appellanti huma essenzjalment identici ghal xulxin u ghalhekk stante li huma komuni sejrin jigu trattati f'daqqa.

Bhala fatti rizultanti, dan il-kaz jirrigwarda operazzjoni li saret minn ditta ta'avukati f'Malta ghan-nom tal-Microsoft Corporation sabiex jikkumbattu l-bejgh u distribuzzjoni f'Malta ta' *pirated computer software*, u biex jipprovaw jaqbdu, u eventwalment jipprocedu fil-Qorti kontra min kien qed ibiegh u jmexxi dan it-tip ta' *computer software*.

Wara ricerka preliminari li kienet ghamlet din id-ditta ta'avukati, kif ukoll wara kampanja intensiva ta'pubblicita' fil-gazzetti w fuq il-media matul il-1994 u l-parti l-kbira tal-1995, gew individwati xi hwienet li, dejjem skond l-imsemmija ditta, kienu ghadhom qed ibieghu *pirated computer software*. Din id-ditta ghalhekk qabdet xi studenti tal-ligi li kienu qed jghamlu l-prattika taghhom ta'avukati maghha biex iduru dawn il-hwienet u, wara li jgibu quotations, jixtru computers minghandhom.

Dan l-ezercizzju ukoll sar fil-hanut 'Digitone', Zabbar Road, Paola, wiehed mill-hwienet f'dan it-tip ta'negozju li jappartjenu lis-socjeta' Zorin Limited li taghha huma diretturi l-appellanti. Fil-kaz prezenti l-istudenti inkarigati mid-ditta ta' l-avukati kienu Joseph Saliba u Stephen Muscat, l-aktar l-ewwel wiehed. Dan Saliba kellu struzzjonijiet biex jitlob is-software ghall-computer li jkun talab quotation ghalih u jara jekk fil-fatt jigiex moghti jew offrut software originali jew inkella wiehed ikkupjat. B'rizultat ta' dan l-ezercizzju, fl-14 ta'Ottubru, 1995, il-pulizija rceviet rapport minghand l-avukatessa Emily Camilleri, li tahdem mad-ditta ta' avukati msemmija, fejn gie allegat li l-computer li kien gie mixtri mill-hanut imsemmi ma kienx fih il-programm Microsoft Office originali, u ghalhekk gew mitluba sabiex jittiehdu l-passi kriminali relattivi. Ghalhekk il-pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha, u fil-11 ta'Gunju, 1997, waslet sabiex tressaq lit-tlett appellanti fil-Qorti u takkuzahom fil-kwalita' taghhom personali bir-reati msemmija fl-akkuzi.

Wiehed mill-aggravji kumuni ghat-tlett appellanti hu li l-istudent Joseph Saliba li xtara il-computer mill-hanut 'Digitone' f'Ottubru, 1995, u anke l-istudent l-iehor Stephen Muscat li akkompanjah, kienu agenti provokaturi u, ghalhekk, kienu komplici fir-reati in ezami, b'mod li dan igib konsegwenzi processwali fuq il-provi. Hu car li l-appellanti hawnhekk qed jirreferu ghall-bzonn tal-korroborazzjoni ghax-xhieda tal-komplici.

Din il-Qorti ma taqbilx ma'dan. Hi l-fehma taghha li dawn iz-zewg studenti ma kienux komplici w ma jinkwadraw f'ebda wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-paragrafi (a) sa (e) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 9. L-istudenti kienu semplicement uzaw stratagemma biex jaraw jekk fil-hanut imsemmi kienx qed issir xi attivita' illegali f'dan ir-rigward. Dawn l-istudenti b'ebda mod ma kienu gew imhajjra, jew incitati jew gie suggerit lilhom, biex jiksru l-ligi. Huma semplicement staqsew lis-salesman li kien fil-hanut in kwistjoni (li ma kien ebda wiehed mit-tlett appellanti) ghal *software* ghall-computer li riedu jixtru, u, ghalhekk, dan is-salesman setgha liberalment stallalhom <u>software</u> originali jew genwin. In fatti meta dawn l-istudenti marru biex jirtiraw il-computer in kwistjoni f'Ottubru, 1995, huma saqsew ghall-*manuals u certificates of authenticity* tal-programm Office. Ghal dak li gie allegat mill-appellanti li dawn l-istudenti servew bhala 'decoys' jew agenti provokaturi, anke hawnhekk il-Qorti ma taqbilx. Veru li huma agixxew biex jonsbu lil kull min kien qed jikser il-ligi, izda b'dak li ghamlu huma ma rrendux ruhom komplici f'xi reat. Dan l-aggravju ghalhekk huwa respint.

Aggravju iehor komuni ghat-tlett appellanti huwa, bazikament, fis-sens li bhala fatt kien kjarament nieqes l-element intenzjonali essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298 B (1) tal-Kap. 9, li tahtu jinsabu akkuzati. Fil-fatt sabiex ikun hemm dan ir-reat iridu jikkonkorru tlett elementi jew rekwiziti, u cioe':

a. L-eghmil li jikkonsisti f'wiehed jew aktar mis-segwenti atti, u cioe', li wiehed jistampa, jimmanifattura, jiddupplika, jirriproduci, jikkopja, ibiegh, iqassam, joffri ghall-bejgh jew joffri biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra ;
b. Li dan isir bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur (cioe' bi ksur tar-*rights of copyright*) li jkollha persuna ohra li jkunu protetti bil-ligi ta'Malta jew taht il-ligi ta'Malta ;
c. Li dan isir ghall-qligh jew bi skop ta'kummerc.

Issa fil-kaz in dizamina, mill-assjem tal-provi, bhala fatti rizultanti, il-Qorti thoss li ma hemm ebda dubju li s-software tal-programm Microsoft Office li kien gie istallat fil-computer mixtri mill-istudent Joseph Saliba, akkompanjat mill-istudent Stephen Muscat, mill-hanut 'Digitone', ta'Zabbar Road, Paola, f'Ottubru, 1995, kien wiehed ikkuppjat, cioe', kien pirated, u dan bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur il-Microsoft Corporation. L-istess ukoll ma hemm ebda dubju li meta dan is-software kien inghata lill-imsemmija studenti bhala parti mill-computer li xtraw, dan l-istess software kien qed jigi wkoll "komunikat lill-pubbliku" fis-sens ta' l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 196). Ma hemmx dubju li bhala fatt din l-attivita' saret sabiex min wettaq dan l-agir illegali ghamel hekk bi skop li jaghmel qligh jew bi skop ta'kummerc. Dan kollu jfisser li mill-aspett materjali, ghal dak li jikkoncerna l-*actus reus* biss,mill-

provi jirrizulta sodifacentement sal-grad rikjest mill-ligi, li kienu jikkonkorru dawn it-tlett elementi f'din l-attivita' illegali li saret fil-hanut imsemmi.

Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta'dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta'dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li tghamel hi, liema ezercizzju ma tghamlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta'dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali.

Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak l-ikkuppjar illegali tal-Microsoft Office, u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.

Issa minn ezami tal-provi w c-cirkostanzi kollha dwar il-bejgh in kwistjoni, din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni ma lahqetx il-grad tal-konvinciment morali, jew minghajr ebda dubju ragjonevoli, li t-tlett appellanti, jew xi hadd minnhom, kien effettivament jaf, fl-ewwel lok, li minn dan il-hanut taghhom kienet qed issir din l-attivita' illegali. Mill-banda l-ohra, il-provi juru, u din il-Qorti hija sodisfatta, li mill-verzjoni moghtija mit-tlett appellanti, certament dawn waslu sal-grad tal-probabbli, li aktar iva milli le, huma ma kellhom ebda hjiel li xi hadd f'dan il-hanut taghhom kien qed probabbilment jabbuza mill-posizzjoni tieghu w, ad insaputa, taghhom, kien qed jaghmel din l-attivita' illegali. Hija l-fehma ta'din il-Qorti li l-provi, kemm dawk diretti u dawk cirkostanzjali, jwieznu sewwa favur il-verzjoni tat-tlett appellanti. Kif sewwa ssottomettew fir-rikorsi taghhom, stante li gie abbondantement ipprovat f'dan il-process li l-appellanti kienu ilhom snin shah jikkombattu kontra l-*pirated software*, kif jirrizulta mill-korrespondenza voluminuza esebita fl-atti, huwa ghalhekk ferm probabbli li ma jkunux huma li jaghmlu din l-attivita' illegali, jew ferm improbabbli li jkunu huma stess, allura, li jaghmlu din l-attivita' illegali, kontra dak li ghall-zmien konsiderevoli kienu ilhom jiggieldu. Din ic-cirkostanza wahedha ghandha sinjifikat ferm qawwi li certament tohloq id-dubju ragjonevoli jekk kienx hemm dan l-element formali fit-tlett appellanti jew min minnhom. Apparti dan, jirrizulta wkoll, u dan mix-xhieda taz-zewg studenti, li huma qatt ma kienu raw xi hadd

mit-tlett appellanti fil-hanut in kwistjoni kemm il-darba marru hemmhekk in esekuzzjoni ta 'l-inkarigu li kellhom, jew li qatt kellhom xi forma ta'negozju jew diskors ma' xi wiehed minnhom. Fil-fatt, dawn l-istudenti xehdu li huma qatt ma kienu raw xi hadd mit-tlett appellanti.

Ukoll, mill-apprezzament tal-provi li sar minn din il-Qorti fil-funzjoni taghha ta'Qorti ta'Revizjoni biss, mhux biss ma jirrizultalhiex minghajr dubju dettat mir-raguni, li t-tlett appellanti, jew xi hadd minnhom, ikkomettew xi att estern biex jigi pruvat l-element materjali da parti taghhom, izda ma tezisti l-ebda prova, la diretta u lanqas cirkostanzjali, lanqas remotament, li turi li kellhom xi intenzjoni kriminuza.

Hu minhabba din ir-raguni ghaliex jonqos ir-rekwizit ta' l-intenzjoni kriminuza li din il-Qorti tara li in bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, hi ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib li r-reati dedotti kontra t-tlett appellanti gew ppruvati sal-grad rikjest mil-ligi. L-ewwel Qorti ma setghetx tasal sabiex issib din l-intenzjoni kriminuza fit-tlett appellanti semplicement ghaliex huma d-diretturi tas-socjeta' li ghandha l-hanut in kwistjoni, fost hwienet u propjeta' ohra li ghandha, u fejn, allura, setgha facilment, kif probabbilment gara, jigri li xi impjegat f'dak il-hanut kien wettaq l-agir illegali msemmi 'ad insaputa taghhom'. Huma ma jistghux jwiegbu kriminalment ghal agir illegali ta' xi impjegat taghhom jekk ma jigiex ipprovat mill-prosekuzzjoni minghajr dubju ragjonevoli li kienu jafu b'dan l-agir w ippermettewh, jew, ghall-anqas, kien hemm cirkostanzi li juru li ragjonevolment setghu kienu jafu b'dak l-agir u hallewh isir. L-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-htija fl-appellanti peress li ma hemm ebda prova li torbothom ma' din l-attivita' illegali. Il-fatt wahdu li huma diretturi tas-socjeta' li tiggestixxi l-hanut in kwistjoni fejn allegatament gie kommess ir-reat qatt ma jista' jammonta ghal responsabbilita' **penali.**

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, il-Qorti tara li dan l-aggravju jimmerita li jigi akkolt. Dan ifisser li l-appellanti ma jistghux jigu dikjarati hatja ta' reat jew reati li fil-konfront taghhom ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-ligi l-element intenzjonali, ghalkemm jirrizulta l-element materjali.

Ghall-motivi premessi, il-Qorti tilqa' l-appell ta'Marco Farrugia, Kevin Galea w Marcel Mizzi, dan billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-bqija, u, konsegwentement tilliberahom minn kull akkuza, htija w piena.

(ft) Joseph Sammut
Deputat Registratur